MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Talba Numru. 6/2012

**Salvatore Brignano**

**Vs**

**Anna Brignano**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba imressqa fil-11 ta’ Jannar, 2012 u li permezz taghha l-attur ippremetta hekk:

“L-attur u l-konvenuta kienu sseparaw fl-1997 permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Isabelle Gonzi nhar il-25 ta’ Frar tas-sena 1997. L-istess kuntratt ta’ separazzjoni jistipula fi klawzola 4(g) illi l-partijiet jiftiehmu illi l-hlas [ta]l-kontijiet pendenti mat-Telemalta Corporation u mal-Water Services ghandu jkun a karigu tal-mara esklussivament.

Gara illi l-attur ircieva diversi notifiki minghand ARMS Limited a rigward ta’ kontijiet pendenti u li jammontaw ghas-somma ta’ seba’ mija u sitta u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu (€726.20), fosthom l-ahhar notifika mibghuta lilu minn ARMS Limited bid-data tmienja u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena 2011 (28.11.2011). Tali kontijiet huma kollha pendenti u jghajtu lill-attur bhala debitur u konsumatur tad-dawl u elettriku fil-fond numru 3 u b’indirizz C Calleja, Troubridge Street Triq il-Princep Bertu, Marsa. L-istess notifika msemmija hawn fuq twissi lill-attur illi jekk ma jithallasx l-ammont pendenti u dovut fiz-zmien stipulat, s-servizz tad-dawl u ilma jista jigi sospiz fi kwalunkwe hin u sahansitra l-interessi fuq l-ammont dovut ikomplu jakkumulaw.

Permezz ta’ ittra datata 6 ta’ Dicembru 2011, il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut izda din baqghet ma rrispondietx ghal tali ittra u ghalhekk qed isir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa ngunta in subizzjoni”.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa minnu fit-3 ta’ Frar, 2012 u li permezz taghha eccepixxa hekk:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan stante li mhux minnu li l-ammonti mhallsa mill-attur versu ARMS Limited, liema ammont kien effettivament preskritt ghandu issa jithallas mill-konvenuta kif qieghed jigi allegatament rikjest ai termini tal-kuntratt ta’ firda personali;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kuntratt ta’ firda personali de quo jaghmel biss referenza ghall-kontijiet relatati ma konsum ta’ dawl u ilma limitatament ghall-fond matrimonjali li sehem indiviz ta’ l-istess attur kien gie cedut a favur il-konvenuta;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba attrici tirrelata dwar konsum ta’ fond mikri ossia hanut li kien jiggestixxi biss u unikament l-istess attur u dan kif ser jirrizulta mill-provi producibbli u inoltre l-istess talba tirreferi ukoll ghal hlas ta’ konsum tal-istess hanut u fid-data tal-firda personali l-pussess ta’ l-istess hanut u kwalsiasi drittijiet u obbligi ohra ma kienux jappartjenu aktar lill-komunjoni tal-akkwisti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri”.

Ra l-verbali tat-13 ta’ Marzu, 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti, x-xhieda moghtija, d-dokumenti esebiti u semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda mressqa jirrizulta s-segwenti:

1. L-attur **Salvatore Brignano** fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2012. Huwa qal li fil-25 ta’ Frar, 1997 huwa u martu, l-konvenuta odjerna, kienu iffirmaw kuntratt ta’ firda konsenswali fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi. Kopja ta’ dan il-kuntratt jinsab esebit a fol. 3 et seq tal-process.

L-attur jghid li qabel ma ffirmaw dan il-kuntratt, il-kontendenti kienu jghixu fid-dar matrimonjali taghhom gewwa Santa Lucija, fi Triq il-Lellux, Blokk G, Flat 9. Wara li gie ffirmat dan il-kuntratt, l-attur ma baqax jirrisjedi Malta u mar jghix gewwa l-Ingilterra. Xi zmien wara mar ir-Russja fejn iltaqa mal-mara attwali tieghu.

Fis-7 ta’ Settembru, 2007 huwa rritorna lura Malta u mar ighix go post tal-Gvern. Darba fost l-ohrajn, cemplitlu martu (mhux il-konvenuta odjerna) u nfurmatu li kienu ghadhom kif qatghulhom id-dawl.

Meta mar l-Enemalta biex jindaga x'kien gara, huwa gie nfurmat li kiellu kont pendenti ta' madwar €720 u dan ghar-rigward tal-bar li huwa kellu u li jgib l-indirizz 3, True Bridge Street, Albert Town, Marsa. Dan il-hanut kien jigi gestit mill-kontendenti qabel il-firda taghhom.

L-attur ighid ukoll li huwa kien ifnorma lill-Enemalta li dan il-kont suppost kellha thallsu l-konvenuta u dan peress li skond il-paragrafu 4, ittra (g) tal-kuntratt ta' firda taghhom, huma kienu ftehmu li l-hlasijiet tal-kontijiet pendenti mat-Telemalta u mal-Water Services kellhom ikunu a karigu taghha. Skond ma xehed l-attur, tal-Enemalta kienu kitbu lill-konvenuta diversi drabi izda l-konvenuta qatt ma qegbithom jew infurmathom li kienet sejra thallas dan il-kont.

L-attur ighid li huwa kellhu jidhol f'arrangament mal-Enemalta peress li dawn ta' l-ahhar kienu heddewh li kienu ser jaqtghaw il-provvista ta' l-elettriku.

L-attur jikkonferma "*illi l-konvenuta kienet ikkonfermat li hija kienet responsabbli ghad-djun kollha li kellha ma' l-Enemalta u mal-Watar Services u mal-loan tal-Bank li kellna dak iz-zmien. Kull kont li kien hemm bejnietna u li kien ser jigi fuq l-address ta' Santa Lucija kienet ser tkun responsabbli ghalih il-konvenuta*" (fol. 17).

In kontro-ezami, l-attur ighid li huwa sar jaf b'dan il-kont mar-ritorn tieghu Malta u cioe madwar ghaxar snin wara li huwa kien infired minn mal-konvenuta. Dwar il-kirja tal-hanut gewwa l-Marsa, l-attur ighid li din saret b'mod verbali u saret waqt iz-zwieg. It-tmexxija tal-hanut kienet issir miz-zewg konjugi. F'dan ir-rigward ighid li "*jiena kont inkun qieghed per ezempju fil-kcina u l-konvenuta tkun qeghda wara l-bar*" (fol. 17).

L-attur jaqbel li ghal finijiet ta' registrazzjoni ma' l-Enemalta, l-kont kien registrat fuq ismu. Huwa fil-fatt esebixxa l-*ledger sheet* u li gie mmarkat bhala Dok. SB 1 (fol. 21). Din il-*ledger sheet* turi l-hlasijiet u l-pagamenti dovuti fuq il-*bar* in kwistjoni. Meta huma telqu minn dan il-

fond, "*jiena ma kontx iccekkjajt jekk kienx hemm kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma u ghaddejnih lill-haddiehor dan il-bar*" (fol. 17). Mistoqsi jekk huwa kienx ircieva xi somma flus minghand sid il-bar meta din il-kera kienet giet terminata, l-attur wiegeb fin-negattiv.

Finalment ighid illi "*...d-diskors taghna meta gejna biex naghmlu l-kuntratt ta' separazzjoni kien illi kull kont pendenti tal-Enemalta, Telemalta, tal-Bank hu fejn hu kellha thallashom il-mara jiena kull ma hadt fil-fatt bil-kuntratt tas-separazzjoni kienet il-karozza*" (fol. 17).

2. Fl-istess seduta xehdet il-konvenuta **Anna Brignano**. Hija tghid li meta "*konna gejna biex niffirmaw fuq il-kuntratt ta' separazzjoni jiena u zewgi u cioe l-attur il-ftehim bejnietna kien illi jiena nhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-flat taghna ta' Santa Lucija u cioe l-fond matrimonjali taghna u huwa kellu jhallas il-kontijiet tal-Bank*" (fol. 19).

Il-konvenuta tghid li fit-3 ta' Marzu, 1993 il-partijiet iffirmaw skrittura ta' lokazzjoni dwar il-fond ossia bar li huma kellhom gewwa l-Marsa. Hija tghid ukoll li huma ma kellhomx ihallsu kontijiet ta' dawl u ilma u li l-uniku dover taghhom skond din l-iskrittura ta' lokazzjoni kien li jhallsu s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fis-sena bhala kera. Kopja ta' din l-iskrittura ta' lokazzjoni giet esebita u mmarkata bhala Dok. AB1 (fol. 22). Il-konvenuta qalet ukoll li l-kirja saret fuq isimha peress li zewgha kien jahdem mal-Gvern u allura ma setax ikollu kirjiet ta' hwienet fuq ismu.

Hi tghid ukoll li kull ma damu f'dan il-hanut kien ghal madwar sitt xhur u fil-fatt, fit-28 ta' Settembru, 1993 saret skrittura bejn l-attur u Emanuel Mangion u li permezz taghha Mangion ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur ta' l-attur fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000). Din is-somma thallset ghac-cessjoni ta' drittijiet ta' kera minn Brignano lil Mangion tal-hanut imsemmi (Dok. AB 2 a fol. 24).

Wara li nfirdu, tghid il-konvenuta, hija rceviet kont minghand l-Enemalta fuq dan il-hanut, li imbaghad ghaddietu lil iben il-kontendenti l-ghaliex il-partijiet dak iz-zmien ma kienux jitkellmu. Imbaghad tghid ukoll li l-attur reggha irritorna dan il-kont lilha l-ghaliex kien fuq isimha. F’dan ir-rigward hija esebiet ittra datata 5 ta’ Mejju, 1998 mibghuta lilha mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma (fol. 26).

Tghid ukoll li “*jiena u l-attur qatt ma konna ddiskutejna dwar l-arretrati tad-dawl u l-ilma tal-bar li kellna. L-unika haga li hi msemmija fil-kuntratt tas-separazzjoni kienet ghar-rigward tad-dawl u l-ilma illi kien hemm fir-rigward tad-dar matrimonjali u fuq hekk ftehmna fil-kuntratt u xejn izjed*” (fol. 20). Dan tikkonfermah fil-kontro-ezami taghha meta tghid li “*Dak iz-zmien li konna ffirmajna l-kuntratt tas-separazzjoni ahna bhala proprjeta kellna l-flat tal-Gvern go Triq il-Lellux, Santa Lucija, dan kien b’kera minghand il-Gvern. Proprjeta ohra ma kellnix u l-hanut konna ilna li tlaqnih madwar erbgha snin qabel ma gie ffirmat il-kuntratt*” (fol. 20). Finalment, il-konvenuta tghid li sakemm gew biex issepparaw hija qatt ma rceviet xi kont tad-dawl u l-ilma in konessjoni mal-hanut tal-Marsa.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Permezz ta’ din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ €726.20, rapprezentanti arretrati ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma fuq il-fond 3, Troubridge Street, Albert Town, Marsa. Dan il-fond kien il-hanut li iggestew il-kontendenti bejn Marzu u Settembru, 1993. L-attur jibbazza din il-pretensjoni tieghu fuq il-kuntratt ta’ firda personali li huma kienu ffirmaw fil-25 ta’ Frar, 1997 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi. Specifikatament jaghmel referenza ghall-klawsola 4(g) ta’ l-istess kuntratt li tghid hekk:

“*4. Il-komparenti mizzewgin Brignano qeghdin ixolju b’effett immedjat il-komunjoni ta’ l-akkwisti talvolta ezistenti bejniethom u ghalhekk, mil-lum ‘l quddiem, kull*

*akkwist maghmul minnhom ghandu jibqa proprjeta assoluta ta' dik il-parti li tkun ghamiltu, minghajr ebda ingerenza min-naha tal-parti l-ohra*" (fol. 5); u

*g. Il-partijiet jiftiehmu illi l-hlas l-kontijiet pendenti mat-Telemalta Corporation u mal-Water Services ghandu ikun a karigu tal-Mara esklussivament* (fol. 6).

4. Il-konvenuta tghid li hija ma ghandha thallas xejn l-ghaliex l-ammont li hallas l-attur lill-ARMS Ltd kien preskritt u oltre dan ir-referenza li saret fil-kuntratt ta' firda ghall-kontijiet relatati ma konsum ta' dawl u ilma kien limitat ghall-fond matrimonjali tal-kontendenti gewwa Santa Lucija. Finalment tghid li l-hanut gewwa l-Marsa kien gestit mill-attur u allura kull ammont dovut ghandu jithallas mill-attur.

1. Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u cioe li hija tghid li hija ma ghandha thallas xejn "*stante li mhux minnu li l-ammonti mhallsa mill-attur versu ARMS Limited, liema ammont kien effettivament preskritt ghandu issa jithallas mill-konvenuta kif qieghed jigi allegatament rikjest ai termini tal-kuntratt ta' firda personali*". Il-konvenuta ma tindikax taht liema artikolu tal-ligi qeghda tivvanta dina l-preskrizzjoni. L-artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li "Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata". L-istess haga ghar-rigward tat-Tribunal.

2. Pero t-Tribunal qed jifhem din l-eccezzjoni bhala li tfisser li l-attur hallas ammont li kien preskritt u allura hija ma ghandhiex ghalfejn thallas xi haga li ma kienitx tezisti (cioe d-dejn ma' l-Enemalta). Issa f'dan il-kaz, l-attur dahal fi ftehim mal-Enemalta fejn huwa obbliga ruhhu li jhallas f'pagamenti mensili d-debitu ta' €726.20. B'hekk b'din l-azzjoni tieghu, huwa gie li rrikonoxxa dan id-debitu u kull preskrizzjoni li setat talvolta tapplika fir-rigward ta' dan l-ammont giet rinunzjata minnu.

3. Jirrizulta mill-atti li dan id-debitu inholoq waqt li kienet ghadha ezistenti l-komunjoni ta' l-akkwisti – debitu

ghar-rigward tad-dawl u ilma fuq il-hanut li l-kontendenti kienu hadu gewwa l-Marsa tul iz-zwieg taghhom – u ghalhekk jikkoncerna lilhom it-tnejn, pero r-rinunzja da parti ta' l-attur ghall-kull preskrizzjoni talvolta applikabbli fir-rigward tal-kont pendenti tad-dawl u ilma fuq il-hanut gewwa l-Marsa sehhet wara li l-partijiet infirdu permezz ta' kuntratt ta' firda konsenswali datat 25 ta' Frar, 1997. Il-mistoqsija li tinsorgi hija din: B'ghemilu, l-attur gie li rrinunzja ghal preskrizzjoni li talvolta setghet tinvoka l-konvenuta fil-konfront ta' l-Enemalta jew le? Ir-risposta fil-fehma tat-Tribunal hija le. L-attur irrinunzja ghall-preskrizzjoni biss fil-konfront tieghu. Pero l-kawza odjerna ma hijiex issir mill-Enemalta jew is-successur taghha fit-titolu izda qeghda issir mill-attur kontra l-konvenuta a bazi ta' dejn li kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u li huwa gie mgieghel ihallas. Ghalhekk f'dan il-kaz, apparti l-fatt li l-ebda artikolu ma gie indikat mill-konvenuta in sostenn ta' l-argument taghha, l-preskrizzjoni ma tistax tinghata.

4. It-Tribunal itendi li jaqbel mat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u dan fis-sens illi l-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti odjerni, meta qieghed jirreferi ghal hlasijiet tal-kontijiet "*pendenti mat-Telemalta Corporation u mal-Water Services ghandu jkun a karigu tal-Mara esklussivament* " qieghed jirreferi ghal dawk il-kontijiet pendenti fuq id-dar matrimonjali tal-kontendenti gewwa Santa Lucija. Dan huwa l-uniku mod logiku li bih wiehed jista jinterpreta il-klawsola erbgha (4) ta' l-imsemmi kuntratt. Di fatti l-konvenuta tghid li fiz-zmien meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-kontendenti ma kienux ghandhom jiggestixxu l-hanut – fil-fatt telquh f'Settembru, 1993 – u li hi qatt ma rceviet l-ebda kont dwar dan il-hanut. It-Tribunal huwa konvint illi kieku dan il-kont kien a konoxxenza tal-partijiet, zgur li kien jitnizzel xi haga dwaru specifikatament.

5. Imbaghad ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u cioe li l-hanut kien jigi gestit unikament mill-attur u allura huwa biss ghandu jhallas ghal dan ma tregiex legalment. Dan ghas-semplici fatt li fl-ewwel lok jirrizulta li z-zewg kontendenti kienu jkunu fil-hanut u fit-

tieni lok kull dhul li kien isir mill-hanut kien jidhol fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ma ngiebet l-ebda prova kuntrarja u li tissodisfa lit-Tribunal li turi li l-qliegh mill-imsemmi hanut kien jinzamm biss mill-attur.

6. Illi ghar-rigward tat-tieni parti tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u cioe li "*l-istess talba tirreferi ukoll ghal hlas ta' konsum tal-istess hanut u fid-data tal-firda personali l-pussess ta' l-istess hanut u kwalsiasi drittijiet u obbligi ohra ma kienux jappartjenu aktar lill-komunjoni tal-akkwisti*" ma ghandhiex mis-sewwa u ghandha tigi michuda. Dan peress li semplici harsa lejn il-*ledger sheet* esebit a fol. 21 tal-process (Dok. SB) juri li fil-5 ta' Lulju, 1993 kien hemm entrata ta' 190.009 u fl-4 ta' Ottubru, 1993 kien hemm entrata ta' 129.446. Dawn it-Tribunal qed jifhem li huma f'valuta antika u cioe lira Maltija. L-ewwel datat tirrijentra fiz-zmien li fih il-hanut kien gestit mill-kontendenti (ara dok. AB 1 a fol. 22), filwaqt li l-ahhar data hija biss sitt ijiem wara li l-kontendenti kienu cedew il-kirja tal-hanut lil Emanuel Mangion (ara dok. AB 2 a fol. 24). Dawn iz-zewg ammonti maghduda flimkien jammontaw ghal Lm319.455 li konvertiti f'euro jigu ghal €744.13.

7. Mehud kollox in konsiderazzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma li dan id-dejn mal-Enemalta jew is-successuri taghha fit-titolu fir-rigward tal-hanut gewwa l-Marsa gestit mill-kontendenti tul iz-zwieg taghhom qatt ma gie kontemplat fil-kuntratt ta' firda datata 25 ta' Frar, 1997 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi u ghalhekk ikun xieraq u gust, anke a bazi ta' l-ekwita li l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenut jigi diviz b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Ghar-ragunijiet u motivi hawn fuq moghtija t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha, jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet fejn dawn huma b'xi mod inkonsistenti ma dak hawn fuq deciz u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija tlieta u sittin euro u ghaxar centezmi ta' euro (€363.10) bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------